# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Spettur Charlotte Curmi

Vs

Antoine Said

Kollizzjonijiet

Illum 4 ta' Dicembru, 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta Antoine Said ID 9168(M) bin Joseph u Carmen nee Portelli mwieled fil-01/12/1967 u joqghod 6, Amavel, Triq Karmenu Vassallo, Iklin billi akkuzat talli fil-17 ta' Ottubru 2022 ghall-habta ta' 11:45 hrs fi Triq il-Wied tal-Imsida Msida soqt vetura b'numru ta' registrazzjoni FBO152.

1. B'majiera traskurata;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura nru EQZ 175 w involontarjamen ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' John Hughes;
4. U meta kont involut f'incident tat-traffiku ma vettura nru EQZ 175 inqast li tieqaf u meta kien mehtieg inqast li taghti l-partikolaritajiet tieghek u d-dettalju tal-vettura li kont qed issuq kif mitlub bil-ligi u/jew inqast li tirraporta l-imsemmi incident lill-Pulozijia jew Gwardajan Lokali.
5. U aktar talli waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura inqast li jokollok kontroll shih tal-vettura.
6. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b'poza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
7. U talli bhala sid tal-vettura inqast li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta.
8. U aktar talli kellek vettura bil-mutur fit-triq kemm ipparkjata kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u nqast li iggeddida kull sena.
9. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq u aktar talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta Malta.

Il-Prosekluzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a ) (2)(3) tal- Kap 65 u art 328(d) tal-Kap 9 u LS 65.11 MVR 67(1) (5), 68 u art 3(1) tal- Kap 104 u LS 368.02 art

13(2), 14(3) LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodottta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti, dokumenti u provi kollha.

Semghet t-trattazzjoni.

Rat li l-proceduri gew differiti ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Ps 228 G Farrugia xehed permezz ta' Affidavit fejn indika l-process u l-involviment tieghu f'dan il-kas. Partikolarment fl-affidavit hemm imnizzel fl-ewwel paragrafu tat-tielet pagna " omissis myself trying several times to explain the situation related to why he cannot drive the vehicle in question Mr Antoine Said was incoherent and refused to cooperate".

Rat li Stephen Cachia xehed permezz ta' affidavit dwar il-vettuura FBO 152 u li fis-17 ta' Ottubru, 2022 Antoine Said ID 9168 (M) ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan Maltija. Dok C .

**Ikkunsidrat**

Illi mill-istess affidavit ta PS 228 G Farrugia jidher car li Antoine Said ma kienx car fi kliemu rigwardanti l-involviment jew meno tieghu tant li l-istess PS 228 G Farrugia ghamel notament ta dan. Dan ifisser li ma hemmx provi fil-livell rikjest fil-kamp kriminali li Antoine Said kien qed isuq fil-mument tal-habta de quo u bhekk mhemmx provi

rigwardanti l-ewwel, tieni, tielet, raba, hames ,sitt , disa u ghaxart imputazzjoni stante li dawn jinvolvu sewqan. Rigwardanti s-7 u 8 imputazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni ta numru ta vettura u Dok C tindika in partikolari l- vettura FBO152 u jirrizulta li hawn ukoll ma hemmx provi fil- livell rikjest fil- kamp kriminali .

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 15(1)(a ) (2)(3) tal-Kap 65 u art 328(d) tal- Kap 9 u LS 65.11 MVR 67(1) (5), 68 u art 3(1) tal-Kap 104 u LS 368.02 art 13(2), 14(3) LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ghal dawn il- motivi kollha ma ssibx lil Antoine Said hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**